MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2009

Numru. 1036/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Michael Mallia**

**vs**

**Joseph Camilleri**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Joseph Camilleri ta’ 31 sena, iben Paul u Teresa nee’ Caruana, imwieled Pieta’ f’ l-1 ta’ Frar 1972, residenti fil-fond Blk A, Flt 6, Triq Ursula, Valletta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 110672(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar is-17 ta’ Gunju 2003, ghall-habta ta’ 12.30pm, waqt li kien f’ Tas-Sliema, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe serq

mill-istabbilimenti ‘Sterling Jewellers’, ‘ Classic Jewellers’ u ‘E-Jewellers’ , wera dan bil-hsieb b’ atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mil-volonta’ tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf Lira Maltin, ghad-detriment tal-propjetarji;

Finalment akkuzat ukoll talli sar recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289, tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta gie misjub hati b’ sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 13 ta’ Gunju 2005 (esebita a fol. 91 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 41 (1) (a), 261 (c), 267 u 279 tal-Kodici Kriminali;
(b) fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali ;

Rat li waqt l-udjenza tad-9 ta’ Lulju 2009, l-imputat Joseph Camilleri ddikjara li hu m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda akkuza ta’ attentat ta’ serq liema attentat ta’ serq allegatament sehh mill-imputat fis-17 ta’ Gunju 2003 ghall-habta ta’ 12.30pm mill-istabbilimenti Sterling Jewellers, Classic Jewellers u E-Jewels f’Tas-Sliema. Mill-provi rrizulta li l-Pulizija rcevew telefonata minghand xi salesgirls li jahdmu f’wiehed mill-istabbilimenti hawn fuq imsemmija li kienu dahlu zewgt irgiel fil-hwienet fejn kienu jahdmu u l-agir taghhom kien suspetuz hafna u kien biss meta wahda minnhom

pretendiet li qed iccempel lil Pulizija li dawn l-irgiel telqu l-barra. Meta l-Pulizija marret fuq il-post sabet lill-imputat odjern fil-hanut E-Jewels u huwa gie arrestat u mehud fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghal aktar interrogazzjoni. L-imputat ghall-ewwel cahad li huwa kien mar fl-imsemmija hwienet sabiex jipprova jisraq xi haga izda sussegwentement irrilaxxja stqarrija (esebita a fol. 29 u 30 tal-process) fejn ammetta li kien mar flimkien ma terza persuna fl-imsemmija hwienet sabiex jisirqu xi oggetti tad-deheb u spjega li huma kienu qed jippruvaw jaljenaw lis-salesgirls billi jitolbuhom juruhom l-affariijet u mbaghad jekk isibu ic-cans idahlu xi haga fil-but. Mill-provi rrizulta li xejn ma lahaq insteraq ghaliex marru l-Pulizija immedjatament fuq il-post wara li gew debitament allertati permezz tat-telefonata tas-salesgirls. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li mill-istqarrija tal-imputat jirrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li s-serq ma giex esegwit minhabba xi haga indipendenti mill-volonta’ tal-imputat u cioe’ ghaliex marru il-Pulizija fuq il-post u arrestawh u dan peress li huwa stess ammetta li kien qed idur il-hwienet tal-gojellerija f’Tas-Sliema sabiex isib ic-cans li jisraq xi oggetti tad-deheb.

L-imputat jinsab akkuzat ukoll li sar recidiv u anki din l-akkuza tirrizulta pruvata stante li gew esebiti zewg sentenzi (a fol. 61 et sequitur tal-process) minn fejn jirrizulta li l-imputat instab hati tar-reati ta’ serq aggravat u ricettazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-fedina penali tal-imputat (esebita a fol. 13 sa 21 tal-process) jirrizulta li huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja f’diversi okkazzjonijiet u nghata aktar minn opportunita’ sabiex jirriforma ruhu. Irrizulta wkoll li l-imputat ghamel zmien twil jabbuza mid-droga u li fil-mori ta’ din il-kawza huwa jidher li rriforma ruhu u bena familja. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li f’dawn ic-cirkostanzi, anki ghaliex dawn il-proceduri ilhom pendenti sitt snin u fil-frattemp l-imputat lahaq irriforma ruhu, li huwa ghandu jinghata l-opportunita’ li jibqa fuq it-triq it-tajba u li piena karcerarja ma tkunx opportuna fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-13 ta’ Gunju 2005 tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda taghmel Ordni ta’ P*robation* li permezz tieghu tqieghed lill-hati taht is-sorveljanza ta’ l-ufficjal tal-*probation* illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghall-perjodu ta’ tlett(3) snin millum u taht is-segwenti kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perjodu ta’ probation ta’ tlett(3) snin Joseph Camilleri ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta’ Joseph Camilleri kull sitt (6) xhur bil-miktub.

3. Joseph Camilleri ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b’kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effett ta’ din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 qed tinnotifika minnufih kopja ta’ din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Krimonali**
**Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D.**

Illum 8 ta' Ottubru 2009

Il-Pulizija
(Spettur Michael Mallia)
vs
Joseph Camilleri

ORDNI TA' PROBATION
(Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta)
Seduta tal-llum 8 ta' Ottubru, 2009.

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi Joseph Camilleri gie mpoggi taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tlett(3) snin millum.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation.

Wara li fissret bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' Probation lil imputat inkluz il-htigijet mizjuda skond l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u nnutat li l-imputat wera li jrid ihares il-htigijet ta' dik l-istess ordni.

Tordna li l-imsemmi Joseph Camilleri detentur tal-karta tal-identita' numru 110672(M) ta' 31 sena, iben Paul u Teresa nee' Caruana, imwieled Pieta' nhar il-1 ta' Frar 1972 u joqghod fil-fond Blk. A, Flt 6, Triq Ursula, Valletta jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett snin millum taht dawn il-kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perijodu ta' probation ta' tlett snin Joseph Camilleri ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta’ Joseph Camilleri kull sitt (6) xhur bil-miktub.

3. Joseph Camilleri ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b’kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

Tordna li kopja ta’ din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficcju tal-Probation Services ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Joseph Camilleri**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------